MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 444/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. Pio Pisani)**
**Vs**
**Carmen Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' fi Triq ic-Cirkewwa, limiti tal-Mellieha, nhar il-5 ta' Lulju, 2003, ghall-habta ta' 14.55 hrs,

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti, jew professjoni taghha jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kienet qed issuq vettura TEX 111 tal-marka Toyota, ikkagunat il-mewt ta' Barbara Bertl;
2. fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunat hsara fil-vettura numru FBK 547, Kia Avella a skapitu ta' S.C Car Rentals Ltd.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel u tat-tieni akkuza, ghalkemm tali dannu qatt ma gew kwalifikati, dan wara li rat l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ikkundannataha multa ta’ elfejn Euro (€2000), liema hlas kellu jsir fi zmien gimgha. Rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w ikkundannataha thallas l-ispejjez peritali ghas-somma ta’ disa’ mija w tlieta w hamsin Euro w disgha w sittin centezmu (€953.69) fi zmien gimgha. Rat ukoll l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w skwalifikatha milli jkollha jew izzomm licenzji tas-sewqan ghal perjodu ta’ sena.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-1 ta’ Dicembru, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar ghal kollox is-sentenza appellata w kwindi tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti, fil-qosor, jikkonsisti, fis-segwenti w cioe’:-
Illi ma hemmx dubju li mill-provi prodotti sew dawk tal-prosekuzzjoni w kif ukoll minn tad-difiza li, fra parentesi, ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwar l-istess, irrizulta li l-kawza prossima anzi l-unika raguni li wasslet ghal dan l-incident kienet appuntu l-manuvra negligenti li saret minn Manfred Habacher, is-sewwieq l-iehor u mhux per konsegwenza tal-mod ta’ sewqan da parti tal-appellanti. Fil-fatt meta l-imsemmi sewwieq l-iehor tressaq quddiem l-Ewwel Qorti akkuzat b’reati simili bhal dawn odjern affaccjati mill-appellanti, huwa mill-ewwel ammetta r-responsabbilita’ tal-incident in kwisjtoni w kwindi l-htija tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Illi l-impatt bejn il-vetturi

sehh minhabba l-manuvra ta' dan is-sewwieq barrani w mhux minhabba l-velocita' tal-appellanti.
Illi l-Ewwel Qorti donna argumentat li l-appellanti ghandha tigi misjuba hatja minhabba l-ispeed elevat taghha. Fl-ewwel lok jerga' jinghad li l-ispeed tal-appellanti, kien kemm kien, qatt ma jista' jigi meqjus bhala fattur kontributorju ghal kwistjoni tal-kawza tal-impatt.
Illi certament ma rrizultax li hija kienet ghaddejja b'xi speed eccessiv. Difatti lanqas giet akkuzat b'tali reat. Difatti anke l-esperti tal-Qorti ma sabux li hija kienet ghaddejja bi speed eccessiv u jiddeskrivu biss l-ispeed taghha bhala wiehed "haj" u xjen aktar. Wiehed ma jridx jinsa li z-zona fejn sehh l-incident ma hix zona residenzjali w kwindi wiehed jassumi li l-ispeed limit skond il-ligi huwa dak ta' 80 kilometru fis-siegha w irrizulta li hija kienet ghaddejja b'xi 55 kilometru fis-siegha. Barra minn hekk it-triq in kwistjoni hija wahda twila, wiesgha w fiha vizwali fit-tul u l-appellanti kienet ghaddejja fuq il-karreggjata taghha tat-triq ghad-dritt. Certament wiehed ma setax jissoponi jew janticipa li s-sewwieq l-iehor kien ser jaghmel manuvra simili w jigbed lejn il-karregjata taghha f'salt minghajr ebda indikazzjoni ta' xejn u dana partikolarment meta tqis li t-tnejn kienu qed jaraw lil xulxin gejjin minn direzzjoni opposta.
Illi l-impatt kien daqsxejn qawwi tant li wassal ghal mewt tragika tal-passiggiera mhux daqstant minhabba (dato non concesso) l-ispeed elevat tal-appellanti izda pjuttost minhabba l-fatt li (1) l-ostakolu li holoq is-sewwieq l-iehor tant sar f'distanza ravvicinata li bil-kemm ta cans lil-appellanti tapplika l-brakes taghha w (2) l-impatt sehh b'mod frontali minn vettura goffa w ta certu daqs ghal fuq bieba ta' vettura zghira.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi din il-kawza li tirrigwarda incident awtomobilistiku fatali li gara fil-5 ta' Lulju, 2003, giet deciza mill-Ewwel Qorti

biss fl-24 ta' Novembru, 2009, u ilha pendenti quddiem din il-Qorti biss mill-1 ta' Dicembru, 2009. Jigi osservat li ghalkemm l-Avukat Generali kien indika l-artikoli li tahthom setghet tinstab htija b' Nota tal-1 ta' Settembru, 2003, ittiehdu aktar minn sitt (6) snin biex instemghu inqas minn sitt (6) xhieda (li t-traskrizzjoni taghhom kollha ma tiehux aktar minn (6) minuti biex tinqara') biex il-kawza fl-ahhar giet deciza.

F' dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti terga' mill-gdid ittenni dak li qalet f' sentenza recenti fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi"** [4.2.2010] u cioe' li:-

***"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f' dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata w kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f' isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, ma hix accettabbli w hemm bzonn li tigi korretta b' mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju w stabbilit bil-ligi."***

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-incident fatali awtomobilistiku, mertu ta' dan l-appell kienu, fil-qosor, is-segwenti:- L-appellanti kienet fil-5 ta' Lulju, 2003 ghall-habta tat-2.45-2.55pm kienet qed isuq il-car Toyota Land Cruiser numru TEX 111, maroon metallic, fic-Cirkewwa sejra fid-direzzjoni tal-moll fejn jitrakka l-vapur t' Ghawdex. Kien hemm vettura KIA Avella numru FBK 547 blu, gejja mid-direzzjoni opposta, misjuqa minn Manfred Habacher li

mieghu kellu bhala passiggiera fis-seat ta’ quddiem lil Barbara Bertl. F’hin minnhom, it-tieni vettura daret lejn il-lemin biex tidhol lejn il-lukanda Paradise Bay Hotel u saret il-habta fil-parti tal-karreggjata li fiha kienet qed issuq l-appellanti. L-impatt kien bejn il-quddiem tal-car tal-appellanti u l-bieba ta’ quddiem tax-xellug tal-car l-ohra, fejn kienet riekba Barbara Bert li sfat fatalment feruta. Jidher ukoll li bil-forza tal-impatt iz-zewg vetturi spiccaw imdawwra mill-pozizzjoni originali taghhom qabel il-habta tant li spiccaw kif jidhru fil-pjanta a fol. 57 u fil-fotografiji esebiti. Jidher ukoll li bid-daqqa l-vettura FBK 547 intefghet lagemba u habtet ma’ arblu tad-dawl li kien hemm fuq il-bankina mal-entratura ghall-*car park* tal-lukanda. Ittellghet ukoll b’ zewg roti fuq l-istess bankina. Dan jispjega il-hsara fuq il-gemb lemini ta’ din il-vettura u l-marki ta’ zebgha blu fuq l-istess arblu. (ara foto. 03 BRP 113 , 115, 130 u 131).

Illi lura mill-*“point of impact”* kien hemm zewg *brake marks* li l-itwal wiehed minnhom – dak tax-xellug int u sejjer lejn il-Ferry – kien twil 23.50 metru. Lura minn fejn kienu jibdew dawn il-*brake marks* kien hemm sinjal tat-traffiku fit-triq li kienu jghidu lis-sewwieq li jkun gej minn fejn kienet gejja l-appellanti, biex jirrallenta. Hekk ftit lura minn fejn grat il-habta kien hemm SLOW sign fl-art, madwar 45 metru lura kien hemm traffic sign b’ tabella: “REDUCE SPEED NOW” u lura aktar kien hemm ukoll marka ohra fl-art “SLOW” (ara foto. Dok. 03 BRP 101) Dan dejjem ghal min ikun gej mid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-appellanti.

Il-karozzi nvoluti mbaghad instabu ferm aktar lill-hinn minn fejn jispiccaw il-*brake marks* fid-direzzjoni tal-*Ferry landing* u bejn il-vetturi fejn spiccaw kif jidher fil-pjanta u fejn kienu jaqtghu l-brake marks, kien hemm medda konsiderevoli tat-triq miksija bi hgieg imfarrak u debris tal-kollizjoni mxerred fuq il-karreggjata. It-triq hemm hekk hija fid-dritt u fil-wita’ w ghandha superficje tajba tal-“*hot asphalt”.* Kien hemm vizwali reciproka ghal distanza twila sew ghaz-zewg sewwieqa.

Kollox jindika li l-impatt frontali, li principalment zgur ikkagunat il-vettura misjuqa mill-appellanti, kien wiehed qawwi hafna nonostante it-tul tal-*brake marks* li halliet warajha. Dan jindika li kien ghad fadal forward *momentum* qawwi bizzejjed biex mhux biss jikkaguna l-hsarat kbar li kien hemm fil-vettura tal-vittma w tal-appellanti stess imma ukoll biex jimbotta l-istess vettura lura minn fejn kienet gejja w biex il-vettura tal-appellanti tibqa' sejra warajha ghal certa distanza.

Meta xehed quddiem l-espert tat-traffiku Dr. J. Micallef Stafrace fl-Inkjesta Magisterjali, is-sewwieq l-iehor **Manfred Habacher** ammetta li ma kienx raha l-vettura tal-appellanti qed tavvicina qabel ma dar biex jaqsam. *"I was driving on my side, then I turned right and the crash occurred. It is being pointed out to me whether I saw the other vehicle or not. <u>I cannot explain why, but I did not see the other vehicle. This is the honest truth.</u> I heard the other vehicle's brakes followed by the crash. "…and by the impact the KIA was pushed laterally onto a pole, a pavement and the boundary wall of the traffic island."*

**L-appellanti,** quddiem l-istess espert, kienet xehdet li kienet qed issuq *"normali - la baxx u anqas qawwi"* u *"F' daqqa wahda kiser minn quddiemi, qribi. Hbatna meta hu gie "T" mieghi u bqajt inkaxkru."* Meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti qalet li kienet qed issuq b' xi 50 jew 55 kfs. Il-karozza l-ohra *"f' salt wiehed giet quddiemi biex tikser ghall-Paradise Bay Hotel."* Mistoqsija kemm kienet il-boghod minnha din il-car, wiegbet: *"Forsi hekk tul t' hawn"* u l-Avukat taghha spjega: *"Bejn il-pedana tax-xhieda w l-hajt."* Ziedet tghid: "*Jiena dak il-hin inhsadt u brake pero' ma kienx hemm cans ghax kienet too close mieghi."*

Ikkonsidrat;

Illi jidher car li din kienet kollizzjoni li saret fil-kontest ta' *"a right turn across oncoming traffic"* da parti ta' Manfred Habacher. Ma hemmx dubju wkoll li t-triq li kienu fuqha z-zewg vetturi qabel il-habta kienet arterja principali w

*"major road"* fil-konfront tal-entratura ghall-*car park* privat tal-lukanda li fiha kien behsiebu jidhol Habacher.

Illi l-Highway Code Malti appropozitu jirrakkomanda li:-

***"Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining <u>or leaving the major road."</u>*** (para. 91)

u

***"Well before you turn at a junction……wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn."*** (para 85)

u

***"On turning at a junction look right, then left, then right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so."*** (para 86).

Illi mbaghad skond l-awtur **O.C. MAZENGARB -** "Negligence on the Highway" (Butterworths 1962 edit. P.329-330):-

*"The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care which is not necessarily discharged by giving the conventional signal of intention to deviate from one's course….In ordinary circumstances if a driver turns out of and across the line of traffic after giving the usual signal, he acts negligently unless he has at least reasonable ground, besides the pure fact of his warning, for believing that he can cut out across without endangering approaching traffic*."

u

*"Generally speaking, the duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher grade."*

Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Francis Schembri"** [26.6.1968]:-

*"Hemm hafna drivers li jidhrilhom li meta jkunu ser jaqsmu ghal fuq il-lemin tat-triq ikun bizzejjed li jaghtu sinjal u li b' hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa zball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta' min ikun isuq. Is-sinjal ghall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq; izda dan mhux bizzejjed biex hu jista' jaqsam. Ikun hemm bzonn li d-driver jaccerta ruhu illi bil-qasma tieghu tat-triq huwa ma jkunx ta' ostakolu lil traffiku li jkun hemm fl-istess triq fuq iz-zewg direzzjonijiet, u meta jkun assikura ruhu b' dana, id-driver ikun jista' jaqsam."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Biex jaghmel dan, *driver* irid ikun esplora sew it-triq ghal traffiku li jkun gej minn quddiemu w minn warajh. Hu biss jekk ikun zamm *"proper lookout*" li jista' jaghmel dan. Jekk driver ma jkunx zamm *lookout* tajjeb, ikun negligenti ghax gie ritenut li "hu dover ta' driver *to see what is in plain view"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** [10.8.1963]) u min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm "*a proper lookout".* Jekk imbaghad min ikun hares, eslpora w ra, xorta wahda jiddeciedi li jista' jaqsam it-triq ghax forsi jikkalkola hazin il-velocita' w id-distanza kemm ikun il-boghod traffku gej mill-faccata, dan xorta wahda jkun hati ta' sewqan hazin ghax kif gie ritenut:

"*It is negligence to make an error of judgement that a reasonably prudent driver would not make"* (ara "Simpson vs. Peat" (1952) All Eng. Law Rep. p 447 – Crim. Law Review (Dec. 1958) citat b' approvazzjoni fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Charles Bartolo"** [Kollez. Vol. XLIII iv. p.1015] )

Dan kollu qed jighid ghaliex indubbjament id-driver l-iehor *"ex admissis"* ma kienx ra l-car tal-appellanti gejja mill-faccata qabel ma dar u dan kien zgur kawza prossima w determinanti tal-incident.

Imma dan ma jfissirx li b' daqshekk l-appellanti tkun awtomatikament ezonerata mir-responsabbilta' kriminali tal-incident fatali in dizamina. Dan ghaliex f' sede Kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut <u>unikament u eskluzzivament</u> ghal negligenza da parti tas-sewwieq l-iehor. (ara Appelli Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [16.3.1961] ; **"Il-Pulizija vs. John Polidano"** [3.11.1963] "**Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez. Vol. XXXVII, iv, p.1131] u ohrajn.). Fi kliem iehor il-*"contributory negligence"* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-<u>kawza unika</u> tas-sinistru. (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. P. Vassallo"** [Kollez. Vol. XXXVIII, iv. p.883] ).

Ghalhekk irid jigi ezaminat ukoll sew is-sewqan tal-appellanti biex wiehed jara jekk b' xi mod hi kkontribwietx ukoll ghas-sinistru jew inkella kienetx giet rinfaccata b' *sudden emergency* li rrendiet l-incident inevitabbli.

Gie ritenut li :-

***"Ghalkemm il-"main road user" ghandu dritt aqwa mis-"side road user" u ghandu ragjonevolment jistenna li t-triq tieghu ma tkunx ostakolata, b' daqshekk hu mhux ezonerat ghal kollox milli anki hu jiehu l-prekawzjonijiet tas-sewqan prudenti."*** (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Salvu Tanti"** [Kollez. Vol. XL. Iv. p.1225] ).

u

*"Id-diligenza ta' sewwieq ghandha tikkomprendi l-addozzjoni ta' dawk il-mizuri li huma addattati biex jigu evitati l-konsegwenzi tas-sewqan hazin ta' haddiehor."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Arthur Naudi"** [Kollez. Vol. XXX iv. p.625] )

Ikkonsidrat

Ghalkemm hu minnu li l-appellanti kienet ser tibqa' sejjra ghad-dritt fuq triq ewlenija w li indubbjament kellha r-*"right*

*of way”,* dan ma kienx jezoneraha milli hi ukoll issuq bi prudenza w li tirregola s-sewqan taghha biex jattalja mal-fatturi ambjentali tal-mument. Ghalkemm hi taghti l-impressjoni li Habacher kien qasam minn quddiemha meta kienet proprju waslet mieghu, il-fatti juru xort’ ohra.

Issa indubbjament wahda mir-ragunijiet tal-konsegwenzi fatali w d-danni kbar li rrizultaw minn dan l-incident kien l-impatt qawwi bejn iz-zewg vetturi. Dan l-impatt kien principalment kagjionat mill-momentum (mass X velocity) frontali tal-vettura misjuqa mill-appellanti li hadet lill-vettura l-ohra fuq il-gemb taghha. Hu importanti ghalhekk li wiehed jistabilixxi x’ kienet il-velocita’ approssimattiva tal-vettura tal-appellanti, meta hija ntebhet bl-ostakolu li kien ser jibda jizviluppa *“across its path”,* bil-bidu tad-dawran lejn il-lemin tal-car l-ohra.

Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **“Il-Pulizija vs. A.I.C. Mortimer”** [Kollez. Vol. XL iv. p.1282] “*Speed jista’ jigi dedott mill-“brake marks”*. F’ dan il-kaz il-velocita’ massima regolamentari f’ dik il-lokalita’ kienet dik ta’ 80 kfs. Issa skond it-tavola sinottika annessa ma The Malta Highway Code, il-*“braking distance”* ghal vettura ghaddejja b’ xi 80kfs., fi triq xotta w fil-wita’, b’ superficje tajba w ghad-dritt hija kalkolata li tkun ta’ cirka 43 metru biex vettura tieqaf kompletament biss bl-effett tal-*brakes* u xejn aktar. F’ dan il-kaz hu minnu li l-*brake marks* li halliet warajha l-car tal-appellanti huma twal inqas minn hekk ghax l-itwal wiehed hu twil 23.50 metru, li kieku kien jindika velocita’ ta’ circa 60 kfs. Pero’, f’ dan il-kaz il-karozza ma waqfitx biss bl-effett tal-*braking* anzi, wara li kienet hliet *momentum* konsiderevoli taht il-*braking*, kien fadallha *momentum* qawwi bizzejjed biex taghmel il-hsara qawwija fiz-zewg vetturi rispettivi w biex, wara l-impatt tibqa’ tkaxkar lateralment il-vettura l-ohra sakemm spiccat ingastata bil-quddiem taghha gol-KIA 39 metru ‘l quddiem minn fejn kienu bdew il-brake marks. Dan hu indikattiv li l-velocita’ tal-car misjuqa mill-appellanti, qabel ma hasset il-htiega li tapplika l-*brakes* tempestivament, kien ferm oghla mill-50-55 kfs. mistqarr mill-appellanti .

Wiehed imbaghad irid iqis li mal-*braking distance* fuq imsemmija tkun trid tizdied it-*"thinking distance*", cioe' dik id-distanza li tilhaq tivvjagga vettura b' certu speed mill-mument li d-driver jinduna bil-htiega li jieqaf tempestivament sakemm mohhu w gismu jirrejagixxu bl-ghafis tal-pedala tal-*brake*, distanza li f' driver normali hija kalkolata li tiehu xi tlitt kwarti ta' sekonda. Ghalhekk isegwi matematikament li l-appellanti kienet indunat bil-manuvra ta' l-car l-ohra ferm u ferm aktar il boghod mit-tul tal-pedana tax-xhieda w l-hajt - kif iddeskriviet fix-xhieda taghha. Mill-inqas kienet madwar 36 metru lura minn fejn sar l-impatt u x' aktarx aktar minn hekk ukoll.

Issa kif diga' ntqal, ftit lura fit-triq minn fejn kienet gejja ssuq l-appellanti kien hemm sinjali tat-traffiku "**REDUCE SPEED NOW"** fuq "*traffic sign*" u zewg sinjali : **"SLOW"** b' ittri kbar fl-art, li kienu jirrikjedu li hi tirriduci l-velocita' tal-vettura taghha meta kienet qed toqrob lejn dik il-*"junction".* Ghalhekk anki kieku kellu jirrizulta – li din il-Qorti thoss li mhux il-kaz mir-rizultanzi – li ma kienetx qed teccedi l-velocita' massima regolamentari ta' 80kfs., zgur li kienet qed teccedi l-velocita' indikata lilha mill-fatturi ambjentali tal-mument.

Kif gie del resto ritenut fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. R. Bugeja"** [30.6.1962]:-

*"Speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza w mill-fatturi ambjentali tal-mument."* (emfasi ta' din il-Qorti)

Konsegwentement, apparti kull negligenza li din il-Qorti diga' rravizat fis-sewqan tad-*driver* l-iehor, l-appellanti ma tistax targumenta li hi ma kkontribwietx ukoll sostanzjalment ghas-sinistru fatali in dizamina.

L-appellanti tilmenta li hija kienet giet rinfaccata b' emergenza subitanea w ghalhekk ma kellhiex tort. Pero', kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Captain A. Gera"** [13.12.1968] :-

*"driver ma jistax jissolleva b' success id-difiza tas-'sudden emergency' meta l-emergenza jkun holoqha hu".*

u

*"the driver of a car is always liable if it was his previous negligence which gave rise to the emergency"* (Kollez. Vol. XXIX, iv. p.573).

Din il-Qorti hija sodisfatta sal-grad tac-certezza morali li kieku l-appellanti kienet tat widen ghas-sinjali tat-traffiku li kienu jindikawlha biex tnaqqas il-velocita' taghha meta kienet qed tavvicina d-dahla tal-lukanda, kienet tilhaq tieqaf tempestivament f' distanza ferm iqsar u l-incident seta' jigi evitat.

Ghalhekk ghalkemm il-kawza principali w determinanti tas-sinistru f' dan il-kaz kienet il-manuvra inkonsulta tat-*"turning to the right*" tas-sewwieq l-iehor Manfred Habacher, l-appellanti kienet ukoll ikkontribwiet decizivament ghas-sinistru billi ma kienetx qed issuq bi speed dettat mill-fatturi ambjentali tal-mument, b' mod li l-velocita' li kellha ma ippermettitliex tieqaf *"short of the point of impact".*

Din in-negligenza antecedenti w konkomitanti taghha tannjenta kull difiza bazata fuq *"sudden emergency"* u *"inevitable accident".*

Ghalhekk l-aggravju dwar ir-responsabbilta' ghall-incident u ghall-omicidju involontarju ta' Barbara Bertl u d-danni fil-vettura KIA qed jigi respint.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena *"ut sic*" u f' kull kaz din il-Qorti tqis li l-piena erogata kienet adegwata w xierqa fic-cirkostanzi .

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata fl-intier taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------